

Brussell, 31 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14501/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0132/A(COD)**

**CODEC 1950
VISA 210
FRONT 330
MIGR 349
COMIX 477**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009 u (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 u (KE) Nru 694/2003 u l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-proċedura tal-viża (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fis-27 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 77(2), il-punt (a), u l-Artikolu 79(2), il-punt (a) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Ġunju 2022².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2022³.
4. Fit-18 ta' Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 8568/22 + ADD1 sa ADD3
² ĠU C 277, 19.7.2022, p. 7
³ ĠU C 75, 28.2.2023, p. 150
⁴ 14238/23

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill⁵⁶ japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 41/23, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

-
- 5 F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament, jekk tkunx ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.
 - 6 Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE; għalhekk l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.